# Santa Katerina

## minn Dejjem Kienet Meqjuma fost il-Maltin

Kitba ta' Carmelo P. Baldacchino

Fl-okkażjoni tal-festi ċentinarji tal-1700 mill-martirju tal-patruna tagħna Santa Katerina. Kemm fiż-Żejtun kif ukoll fiż-Żurrieq sar kumitat biex jiġu ċċelebrati festi speċjali. Kienet deċiżjoni għaqlija wkoll li ż-żewġ parroċċi li huma Maltin iddedikati lil din il-Qaddisa sa fejn hu possibbli jaħdmu flimkien.

Santa Katerina m'hijiex taż-Żrieraq u ż-Żwieten biss, imma hija meqjuma ma' ħafna nħawi madwar Malta u Għawdex. Id-devozzjoni ta' dawn il-gżejjer lejn Santa Katerina ta' Lixandra hija antika ħafna. Il-kittieb Ferres fil-kitba tiegħu *Descrizione della Chiese* u l-Professur Zerafa fil-ktieb *La Tempesta dell'Anno MCCXIII (1313)* it-tnejn jgħidu li l-ewwel knisja parrokkjali fiż-Żejtun, iddedikata lil Santa Katerina kienet diġà teżisti sa mis-seklu XII (12). Wara żmien Mons. Dusina l-viżitatur Appostoliku mibgħut mis-Santa Sede f'Malta fl-1575, sab li madwar Malta kien hawn madwar 16-il knisja ddedikati lil din il-qaddis, u b'oħrajn aktar tard kellhom xi artal jew kwadri li jġibu l-immaġini tagħha l-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-kunvent tas-Sorijiet Agostinjani tal-klawsura li jiġi bl-isem tagħha, Santa Katarina d'Italja, diversi knejjes immexxija mill-patrijiet, ir-Rabat, Birkirkara, Naxxar, il-Gudja, Ħal Qormi, Mqabba, l-Qrendi, kif ukoll f'diversi knejjes f'Għawdex. Flok l-oratorju ta' San Ġwann Bosco fir-Rabat Għawdex kien hemm ċimiterju ta' Santu Wistin li kellu l-kappella ddedikata lil Santa Katerina. Fl-1545 ċertu Toni de Nasis kien ħalla biex fiha jitqaddsu żewġ quddisiet fil-ġimgħa, u oħra kull ħmistax. Wara li din il-kappella ġiet distrutta dawn il-piżijiet ġew mgħoddija lill-artal f'ġieħ l-istess Qaddisa ta' Lixandra li hemm fil-Bazilika ta' San Ġorġ ir-Rabat.

Fl-1656 fin-naħa magħrufa tal-Qabbieża kien hemm knisja ta' Santa Katerina li kienet ġiet profonata. F'din il-knisja kienet issir il-festa f'ġieħ il-Qaddisa fil-25 ta' Novembru, illum din il-knisja spiċċat għal kollox. Fil-kappella tas-Sagrament fil-Katidral, hemm monument ta' Giovanni Castelletti; dan in-nobbli kien bena l-kappella ta' Santa Katerina V.M. li kien hemm fil-knisja l-qadima tal-Matriċi, li kien qala' bħala ġust-patronat mingħand Dun Konsalvu Canciur. Insibu wkoll fil-knisja parrokkjali tax-Xagħra, kwadru ta' wieħed mill-artali, iddedikat lill-Madonna tad-dawl Divin, li fih tidher il-figura ta' Santa Katerina flimkien ma' San Lawrenz, San Mikiel u San Injazju.

Ta' min isemmi wkoll li għadd ġmielu ta' bliet u rħula għandhom xi triq jew sqaq jew xi post imsemmi għal Santa Katerina fosthom insemmu l-Qrendi, il-Gudja, Mqabba, Ħal Qormi, Birżebbuġa, Marsaxlokk, ir-Rabat, l-Isla, Wied iż-Żurrieq, Żurrieq, Żejtun u xi oħrajn.

Il-Birgu barra li għandhom artal kif ukoll statwa ta' din il-qaddisa kellhom ukoll il-Fratellanza ta' Santa Katerina, u kienet issirilha l-festa bl-għasar u l-quddiesa bil-mużika nhar il-25 ta' Novembru. Ħal Lija fil-knisja antika tas-Salvatur hemm statwa tal-ġebel antika ħafna li hija ta' din il-Qaddisa, u fl-istess raħal hemm knisja jgħidulha tal-Vittorja, imma l-kwadru li hemm fuq l-artal maġġur huwa ddedikat lill-għerusija ta' Santa Katerina.

Ta' min isemmi l-kwadru kbir li jinsab fil-mużew tal-parroċċa tagħna mpitter minn Giulju Cassarino li jġib il-qtugħ ir-ras tal-Qaddisa. F'dan il-kwadru li sar b'wegħda, wieħed jista' jara mappa tan-naħa ta' isfel ta' Malta bil-bajjiet ta' San Tumas, Marsaxlokk u Wied il-Għajn, il-bliet tal-Kottonera, flimkien mal-Port il-Kbir, li juri t-taqbid a li kellhom il-Kavallieri u l-Maltin kontra t-Torok, qrib iż-Żejtun, fl-1614. Kwadru ieħor jinsab fil-knisja ta' San Filippu l-Isla li juri lil Santa Katerina ma' San Pawl u Santa Barbara, filwaqt li fil-knisja ta' Portu Salvu l-Isla, fil-kwadru prinċipali tidher Santa Katerina ma' xi qaddisin oħra. Fis-Sala tat-Tron fil-palazz tal-President il-Belt Valletta hemm pittura oħra ta' Stefano Erardi fejn tidher il-Qaddisa Santa Katerina.

Il-Kavallieri ta' San Ġwann tal-lingwa Taljana ħatru lil Santa Katerina b'patruna tagħhom u barra li għamlulha kappella fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann bnew knisja ddedikata lilha msejħa Santa Katerina d'Italia. Ta' min isemmi wkoll li f'bosta mużewijiet kemm f'Malta kif ukoll barra għandek issib xi pittura ta' din il-Qaddisa fosthom il-Mużew ta' l-Arti u dak tal-Katidral ta' l-Imdina li hemm pittura antika li huwa l-polittiku tas-seklu ħmistax li jġib lil San Pawl u fost il-qaddisin l-oħra jġib ukoll lil Santa Katerina ta' Lixandra fil-parti ta' isfel fuq il-lemin.

Ta' min jgħid ukoll li Santa Katerina kienet maħtura il-protettriċi tal-Filosofi, it-Teologi, u l-Moralisti.

Madwar id-Dinja hemm diversi bliet imsemmijin għal Santa Katerina, fosthom l-Amerika, il-Kanada, u anke università msemmija għaliha fl-Amerika.